

32001D0412

L 148/79

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1.6.2001

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tal-21 ta' Marzu 2001****li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika rappreżentata mill-Kummissjoni u d-Dipartiment ta' l-Enerġija ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam ta' l-enerġija tal-fużjoni***(notifikata bid-dokument numru K(2001) 735)**(2001/412/Euratom)*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 101, it-tieni paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/411/Euratom tat-8 ta' Marzu 2001, li tapprova l-konklużjoni tal-Kummissjoni, tal-Ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika rappreżentata mill-Kummissjoni u d-Dipartiment ta' l-Enerġija ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar ir-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam ta' l-enerġija tal-fużjoni ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Kunsill adotta Deċiżjoni fit-22 ta' Diċembru 1998 dwar il-Ħames Programm Kwadru tal-KEEA għal riċerka u attivitajiet ta' taħriġ (1998-2002) ⁽²⁾ li jinkludi l-azzjoni prinċipali ta' fużjoni termonukleari kontrollata,
- (2) Il-Kunsill bid-Deċiżjoni tal-25 ta' Jannar 1999 ⁽³⁾ adotta programm ta' riċerka u taħriġ fl-oqsma ta' l-enerġija nukleari (Euratom) għal perjodu minn 1998 sa 2002,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' koperazzjoni bejn Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika rappreżentata mill-Kummissjoni u d-Dipartiment ta' l-Enerġija ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fl-oqsma ta' l-enerġija tal-fużjoni, riċerka u żvilupp hu hawnhekk konkluż għal u f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

It-test tal-Ftehim hu anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli mir-riċerka, jew rappreżentat nominat, hu awtorizzat li jiffirma l-Ftehim f'isem il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika b'effett vinkolanti għall-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Marzu 2001.

Għall-Kummissjoni

Philippe BUSQUIN

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Ara paġna 78 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 26, ta' l-1.2.99, p. 34.

⁽³⁾ ĠU L 64, tat-12.3.99, p. 142.